**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 25 ta' Ottubru 2023**

**Rikors Numru : 193/2022 JPG**
**Kawza Nru: 22**

**TM**

**Vs**

**U b'digriet tas-7 t'Ottubru 2022 gew nominati Dr Simon Micallef Stafrace u PL Peter Sammut bhala Kuraturi Deputat sabiex jirraprezentaw lill-assenti ARM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attrici datat 5 ta' Settembru 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk :

1. *Illi r-rikorrenti izzewget lil ARM, detentur tal-Passaport X fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) fil-knisja Parrokjali ta' Balluta San Giljan Malta u dan kif jirrizulta mill-att taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala 'Dok A' ;*

2. *Illi mill-istess zwieg twieldu zewg ulied – AM li twieled nhar Y u li ghaldaqstant illum ghandu Y snin hekk kif jidher fl-att tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala 'Dok B', u EM, li twieldet nhar Z, u li llum ghandha Z snin hekk kif jidher mill-att tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala 'Dok C' ;*

3. *Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet iddeterjorat u illum tkissret minghajr l-ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni u dan minhabba eccessi, theddid u offizi gravi li huma kompletament imputabbli lill-intimat u cioe' lil ARM, fil-konfront tal-obbligi matrimonjali u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza ;*

4. *Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn Frar tas-sena 2021 meta l-intimat telaq minn Malta ;*

5. *Illi r-rikorrenti talab u ottjena l-awtorizazzjoni mehtiega sabiex tipprocedi ghall-kawza ta' separazzjoni personali kontra l-intimat wara l-hatra tad-deputati kuraturi permezz tad-digriet tal-11 ta' April 2022 li gie sussegwentement estiz permezz ta' digriet datat 11 ta' Lulju 2022 (hawn anness u mmarkat bhala 'Dok D') ;*

6. *Illi r-rikorrenti taf dawn il-fatti personalment.*

7. *Illi r-rikorrenti kontestwalment ma dan ir-rikors guramentat qeda tintavola rikors ghall-hatra ta' kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-assenti intimat u l-interessi tieghu f'din il-kawza ;*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost qieghda umilment u bir-rispett titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :*

1. *Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ;*

2. *Tawtorizza r-rikorrenti sabiex tghix separatament minn mal-intimat ARM ;*

3. *Tordna l-likwidazzjoni, taqsam u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet skont il-ligi ;*

4. *Tapplika kontra l-konvenut l-Artikoli 48 et sequitur tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;*

5. *Takkorda li l-kura u l-kustodja tal-minuri AM u EM tkun esklussivament f'idejn l-omm rikorrenti ;*

6. *Tiddikjara li r-residenza permanenti tal-istess minuri ghandha tkun mal-omm ;*

7. *Tiffissa ammont ragjonevoli li ghandu jithallas mill-konvenut lill-attrici rapprezentanti manteniment tal-minuri AM u EM li jkun jinkludi l-ispejjez relatati mal-edukazzjoni u sahha tal-istess minuri b'tali mod illi l-ammont li ghandi jithallas jkun jirraprezenta kontribuzzjoni ugwali miz-zewg genituri.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat illi r-rikors, u d-digriet gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati Dr Simon Micallef Stafrace u PL Peter Sammut, datata 18 ta' Jannar 2023, a fol 33, li taqra hekk:

*Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw d-dritt li jiprresentaw risposta motivata f'kas u jekk jigu edotti mill-fatti.*

*Salv risposta ulterjuri.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni:

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

***L-attrici xehdet permezz ta' affidavit (vide fol 37 et seq)*** fejn spjegat illi iltaqghet mal-intimat fis-sena 2008, u dak iz-zmien kienu jahdmu fl-imkien fl-industrija tat-turizmu. Kienet jahdmu sieghat twal, u ghalkemm fil-bidu l-intimat kien jaghmel uzu mid-drogi u l-alkahol, kif ir-relazzjoni sserjat, huwa kien waqaf minn dawn il-vizzji.

Illi fis-sena 2009, trafserew ruhhom f' D, b'dana illi zzewgu Malta nhar il-25 ta' Gunju 2011,

AM, l-ewwel wild taghhom twieled Y, u sussegwentement kellhom lit-tifla, fis-sena 2015. Illi waqt li kien D, l-intimat kien jahdem sieghat twal, waqt li hi kienet tkun wahedha ma' zewg minuri. Illi wara circa sena, l-intimat ma kienx baqa' jaghtiha l-card sabiex tkun tista thallas l-ispejjes ta' kuljum, izda kien jghaddilha flus kontanti (cash) Tul dan il-perjodu kienu ukoll ibiddlu r-residenza taghhom ta' spiss, u l-intimat beda ukoll jbiddel ix-xoghol tieghu ta' spiss. Illi l-kontendenti kienu qieghdin isibu diffikulta' sabiex ihallsu n-*nursery fees*, u anke l-kera tal-*flat*. Illi maz-zmien l-intimat beda jsir aktar nervuz, u kien qieghed jixrob b'mod regolari, u fil-vaganzi tieghu, kien jispicca jixrob tant li jibqa rieqed fuq is-sufan. Tixhed illi qatt ma kien gharrafha b'dak li kien qieghed jigri u meta kienet tistaqsih, qatt ma kien jaghtiha spjegazjoni, tant li spiccaw jitbieghdu minn xulxin. Illi fis-Sajf tas-sena 2018, irceviet telefonata fejn giet infurmata illi l-intimat kien qieghed il-habs u dana wara li kkommetta xi offiza, meta kien xurban. Illi minn hemm giet mgharrfa illi l-intimat kien qieghed ricerkat il-ghaliex kellu dejn sostanzjali ma' zewg banek u ghalhekk kellu jibqa' l-habs.

Tishaq illi hi pruvat tghinu billi tqabbad avukat, pero kien f'dan l-istadju li ntebhet b'sensiela ta' gideb da part tal-intimat li zamm mistura. Kien ghalhekk li hija ddecidiet li titlaq minn D u tigi lura Malta. Illi mal-wasla taghha f' Malta, hija bdiet tfittex xoghol u kienet ddecidiet li tghin lil zewgha u ghal dan il-ghan sselfet EUR 18,000 minghand kugina taghha sabiex tkun tista' tohorgu mill-habs.

Illi eventwalment ohtha ukoll kienet selfitha EUR 6,000 sakemm kien ghadhom D biex thallas il-loan tal-karozza. Tixhed illi llum il-gurnata hija qieghda tghix ma' ommha, hija kostretta taghmel tajjeb ghall-ispejjes tal-minuri wahedha. Illi ghalkemm l-intimat kien gie lura Malta, kien spicca biex beda jilghab il-flus. Illi eventwalment rega' telaq, u kienet hi li kellha thallas it-taxxa dovuta mill-intimat. Illi l-intimat llum jghix gewwa l-Afrika ta' Isfel u ghalkemm ghamel perjodu ta' sitt (6) xhur fejn kien qieghed jibatilha l-flus, dawn ma kienux bizzejjed, meta l-attrici qieghda thallas il-*loan* tal-intimat fl-ammont ta' EUR 500 fix-xahar, u trid taghmel tajjeb ghall-ispejjes taghha u tat-tfal. Illi filfatt l-intimat qieghed jirrifjuta li jhallas l-ammont ta' EUR 18,000 li kienet sselfet ghan-nom tieghu. Di piu', meta jibghat l-flus, dan isir fuq bazi sporadika. Illi minkejja is-sagrifficji kollha li ghamlet ghalih, huwa jitrattaha hazin, u jinsulentaha.

***L-attrici xehdet ukoll viva voce nhar id- 19 ta' Jannar 2023 (vide fol 39 et seq)*** u filwaqt li kkonfermat x-xhieda precedenti taghha.

Xehdet illi wara li rritornat lura Malta, bdiet tipprova tghinu minn Malta. Wara li l-intimat gie

mehlus mill-habs, ppruvaw jergghu jibdew hajjithom mill-bidu f' Malta, izda l-intimat rega' beda jixrob, beda jilghab il-flus. Illi darba minnhom l-intimat kien anke prova jikkometti suwicidju u kien ittiehed l-Isptar Monte Carmeli, fejn kien rekoverat ghal gimgha. Illi wara li gie rilaxxat u minkejja li ghamlet minn kollox sabiex tghinnu jibni hajtu mill-gdid dan kien kollu ghalxejn tant li l-intimat mar lura l-Afrika ta' Isfel. Illi ormai ilu tliet (3) snin ma jara lill-uliedu. Minn zmien ghal zmien icempel lill-minuri u ghalkemm ghandu xoghol tajjeb fejn qieghed jippercepixxi circa EUR 4,000 fix-xahar xorta joqghod jittrattieni biex jivversa manteniment ghall-uliedu. L-attrici tikkonderma illi hija ma ghandhiex garanzija li c-cifra indikat mill-intimat bhala salarju tieghu hija filfatt veritiera.

Tispjega illi binhom li dak iz-zmien kellu sitt (6) snin, kien jifhem kollox, u dak li ghaddew minnu hallha impatt kbir fuq l-imgieba tieghu. Illi filfatt kellha tiktbu gewwa l-iskola privata fejn tahdem hi. Tikkonferma illi f'Settembru, l-intimat, bghatilha EUR 750 u dana wara li nfurmatu bl-ispiza ta'qabel il-bidu tas-sena skolastika u ghaddilha ukoll is-somma ta' EUR 1000 f' Jannar tas-sena 2023.

***Carla Farrugia in rapprezentanza tal-MeDirect permezz ta' nota guramentata a fol 53*** tal-atti kkonfermat illi l-partijiet qatt ma kellhom relazzjoni mal-bank.

***Patrizia Salerno in rapprezentanza tal-APS Bank xehdet nhar il-25 ta' April 2023, (vide fol 191 et seq)*** u spjegat illi l-partijiet ma kellhom l-ebda kontijiet bankarji mal-bank.

***Joshua Attard in rapprezentanza tal-BNF Bank xehed nhar il-25 ta' April 2023 (vide fol 191 et seq***) u kkonferma illi mir-ricerka li saret ma rrizultaw l-ebda kontijiet bankarji f'isem il-partijiet.

***Louis Buhagiar in rapprezentanza tal-Jobs Plus xehed nhar il-25 ta' April 2023( vide 191 et seq)*** u esebixxa l-*employment history* tal-attrici u tal-intimat.

***Lorraine Attard in rappreznetanza tal-HSBC Bank Malta plc, xehdet nhar il-25 ta' April 2023 (vide fol 192 et seq)*** u spjegat illi nstab kont bankarju f'isem l-attrici, liema kont ghadu attiv, u prezentat l-istatements relattivi.

***Christopher Spiteri in rapprezentanza ta' Transport Malta xehed nhar il-25 ta' April 2023 (vide fol 193 et seq)*** u esebixxa lista ta' vetturi li kienu registrati fuq isem l-attrici, fejn irrizulta illi l-attrici la fil-passat u lanqas fil-prezent ma kellha u m'ghandha l-ebda vettura registrata fuq isimha.

Illi l-istess jinghad ghall-intimat.

***Saviour Theuma in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali xehed nhar il-25 ta' April 2023 (vide fol 193 et seq***) u prezenta sensiela ta' dokumenti li jindikaw il-beneficcji li ppercepiet l-attrici tul dawn l-ahhar hames (5) snin, u kif ukoll il-beneficcji percepieti mill-intimat tul dawn l-ahhar hames snin, b'dana illi l-ewwel beneficcju li ppercepixxa l-intimat jirrisali ghas-sena 2021.

***Johanna Bartolo in rapprezentanza tal-BOV Bank xehdet nhar id-9 ta' Mejju 2023, (vide fol 200 et seq)*** u spjegat illi ma rrizultaw l-ebda kontijiet kongunti fuq isem il-partijiet, u lanqas ma rrizultaw kontijiet fuq isem il-partijiet indivdwalment.

***Ruth Sant Cortis, psychotherapist, xehdet nhar it-22 ta' Gunju 2023, (vide fol 221 et seq)*** u spjegat illi hi kienet isewgi lill-minuri EM u bdiet isegwiha f' Mejju tas-sena 2021 u waqfet fi Frar tas-sena 2023. Il-minuri kienet giet riferuta peress li l-familja taghha kienet ghaddejja minn zmien difficli. Tixhed illi meta bdiet tara lill-minuri, il-missier kien diga' qieghed l-Afrika ta' Isfel, u l-minuri kellha certu mistoqsijiet dwar r-raguni il-ghaliex missierha jinsab f'pajjiz wiehed waqt li hi, huha u ommha f'pajjiz iehor. Ix-xhud tishaq illi dak iz-zmien id-dinamika bejn l-ahwa ma kienitx mill-ahjar u minhabba dak li kienet ghaddejja minnu l-familja, kienu qieghdin jiggieldu hafna. Il-minuri kellha seba' (7) snin meta ratha l-ewwel darba. Illi lejn l-ahhar tas-sezzjonijiet kien hareg b'mod car is-sens ta' dispjacir li bdiet thoss il-minuri minhabba l-allontananza tal-missier, u meta twaqqfu is-sezzjonijiet, il-minuri kienet iktar kunfidenti u filfatt kien ghalhekk li twaqqfu ghaliex il-minuri kienet iktar stabbli. Ix-xhud tikkonferma illi ghalkemm il-missier kien jaf bl-involivment taghha, qatt ma kien hemm komunikazzjoni da parti taghha mieghu jew vici-versa.

***Sonia Galea, family therapist xehdet nhar it-22 ta' Gunju 2023, (vide fol 224 et seq)*** u spjegat illi il-kas tal-familja M gie riferut ghandha fi Frar tas-sena 2020 u bdiet tarahom f'Marzu tas-sena 2020 u hadmet maghhom sa Frar tas-sena 2021. Il-koppja kienet tattendi ghal sessions individwali, u kien hemm anke sessions fejn kien hemm il-minuri ulied il-partijiet prezenti. Izzid illi qatt ma rat lill-koppja f'daqqa wahedhom. Tispjega illi kien hemm problemi ta'sahha mentali da parti tal-missier, inkluz problemi ta' *addictions*, fosthom alkahol, loghob tal-azzard, u issemmew situazzjonijiet fil-passat fejn kien jaghmel abbuz mid-droga. Tixhed illi meta l-missier kien isib ruhhu *under pressure*, dawn il-vizzji kienu jirrizaltaw b'mod predominanti. Izzid illi kien hemm tracci ta' depressjoni u filfatt kien hemm anke attentat ta' suwicidju. Tirrileva illi l-intimat

fil-passat kien gie preskritt medicina, u kien segwit minn psikjatra. Tixhed illi l-intimat kien qieghed ibati ghaliex ma setghax jipprovdi ghall-familja, kien hemm proceduri gudizzjarji kontra tieghu. Illi sussegwentement, l-intimat kien rega prova jkkometti suwicdju Malta, u kien inghata l-kura necessarja u anke kien segwit minn haddiema socjali. Illi kienu ghamlu pjan sabiex jibqghu jahdmu flimkien *online* waqt li hu kien l-Afrika ta' Isfel, pero kif telaq minn Malta qata' kull kuntatt. Illi minkejja diversi tenattivi, qatt ma ghamel kuntatt lura. Tispjega ukoll illi kien skatta rapport mac-*Child Protection*, meta huma saru jaf illi kien hem mil-possibilita li wiehed mill-minuri jmur l-Afrika ta' Isfel mal-missieru u minhabba d-diversi problemi tal-missier dan ma kienx ideali.

***Abigail Cortis, impjegata mal FSWS xehdet nhar it-22 ta' Gunju 2023, (vide fol 229 et seq)*** u spjegat illi hi kienet isegwi lill-minuri AM minn Frar tas-sena 2021 sa Awwissu 2022. Tixhed illif il-bidu kienet tara lill-ahwa f'daqqa, illi pero' kienu hassew illi kemm minhabba l-esigenzi taghhom u kif ukoll d-differenza fl-eta' kien ikun ahjar li jinghataw terapija individwalment. Illi l-minuri AM kien imwegga' bil-komportament u l-assenza tal-missier anke peress il-missier, minkejja li kien jghaddi messaggi, lill-minuri li ser jigi jzuru Malta, il-missier ma kienx izomm kellmtu. Illi f'dan l-istadju kien hemm il-hsieb li l-minuri jmur fejn missieru l-Afrika, pero' dan eventwalment ma sehhx. Tiftakar illi l-minuri kien ikollu *online communication* mal-missier b'mod frekwenti u dan kien ghen lill-minuri iktar.

Il-Qorti rat id-dikjarazzjoni tal-kuratur deputat Dr Simon Micallef Stafrace tal-31 ta' Mejju 2023, fol 206 li permezz tieghu l-kuratur nforma lill-Qorti illi minkejja li kien ghamel kuntatt mal-intimat, l-intimat qatt ma rrisponda jew provda xi provi.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat. Illi fir-rikors promotur l-attrici tindika illi l-intimat huwa unikament hati ghat-tifrik taz-zwieg taghhom minhabba eccessi, theddid u offizi gravi.

Fir-rigward ta' eccessi intqal illi dawn huma:

> ***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni Rik.nru: 265/2018 JPG 10 misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge". Baudry Lacantinerie***

***jghallem illi "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima."***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal stratagemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".***

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala:

***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."3 Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione". 4 Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjugġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi ivili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o 1 Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214. 2 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. 3 Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius, Qorti***

> ***tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dic cembru 1951. 4 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. Rik.nru: 265/2018 JPG 11 l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> ***"Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 talKodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:

> ***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet AB vs CB deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet izzewgu nhar il-25 ta' Gunju ta-sena 2011 fil-Knisja Parrokjali tal-Balluta f'San Giljan u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg a fol 5 tal-atti. Illi minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied, AM li twieled nhar Y u ghalhekk ghandu Y – il sena, u EM li twieldet nhar Z u ghandha tmien Z snin.

Il-Qorti rat illi minkejja tentattivi da parti tal-Kuraturi Deputati sabiex jaghmlu kuntatt mal-intimat, l-intimat ma ghamel l-ebda kuntatt mal-istess u ghalhekk din il-Qorti hija kostretta li taghti l-gudizzju taghha unikament abazi tal-provi prodotti mill-attrici.

***Htija Ghat-Tifkrik taz-Zwieg***

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti hija moralment konvinta illi kien tal-agir tal-intimat li wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet. Illi mix-xhieda tal-attrici jirrizulta b'mod palezi illi l-intimat kien jigdeb sistematikament lill-attrici sabiex jahbi d-dejn konsiderevoli li rreka mal-banek u dana in vista tal-fatt li kien afflitt minn diversi vizzji u cioe', kien dipendenti fuq l-alcohol u l-loghob tal-azzard, vizzji li kienu ta' piz enormi fuq iz-zwieg u l-familja taghhom. Din is-sensiela ta gideb kienet spiccat biex alienat lil martu . Illi dan kollu ma kienx biss konfermat mill-attrici imma ukoll mix-xhieda ta' Sonia Galea *(Family Therapist)* fejn xehdet fit-tul fuq id-dipendenzi tal-intimat u l-effett li dawna kellhom fuq ir-rapport tieghu mal-attrici u fuq il-familja taghhom. Din il-Qorti rat illi minkejja li l-intimat dejjem zamm kollox mistur mill-attrici, l-attrici xorta wahda baqghet taghmel l-almu taghha biex tghin lill-intimat, minkejja li dan kien jirrikjedi illi taddoss fuq spallitha, it-trobbija tal-minuri. Di piu', harget tahdem sabiex tkun tista' taghmel tajjeb ghad-djun tal-intimat. Illi minkejja dan kollu, l-intimat xorta wahda abbanduna lil martu u lil uliedu u telaq lura lejn il-pajjiz d'origni tieghu, u ghal darba ohra hallha lill-martu l-attrici terfa' wahida, l-piz kollu tal-familja taghha, u d-djun li ghamel f'Malta. Din il-Qorti rat ukoll kif l-intimat kien sahansitra spicca biex jilghab il-ftit flus li l-attrici kien jirnexxilha iggemma bil-konsegwenza li kien ikollha tissellef il-flus hi minghand familjari sabiex taghmel tajjeb ghall-istess djun tal-intimat.

Illi ghalhekk din il-Qorti hija moralment konvinta illi filwaqt li l-attrici kienet qieghda taghmel hilitha biex tghin lill-intimat u l-familja taghha, il-konvenut kompla jfarrak dak kollu li kienet qieghed jirnexxilha terga' tibni l-attrici. Illi permezz ta' dan it-tberbiq ta' flus minghajr ebda rigward ghall-obbligazzjonijiet finanzjarji tal-kontendenti u tal-familja tieghu, l-intimat rrenda lilu nnifsu wkoll hati ta' vjolenza finanzjarja.

Illi maghdud ma'dan, u ghalkemm dejjem gie ritenut illi l-intimat kellu relazzjoni tajba ma' uliedu, tant li ghall-minuri, l-assenza tieghu kellha effett devastanti fuqhom, din il-Qorti rat ukoll illi l-intimat naqas mill-obbligu tieghu versu uliedu, b'dana illi lil AM li kien diga mfarfar u ghalhekk kien qieghed jifhem dak kollu li gara D, ghaddieh minn martirju shih u li certament halla impatt sostanzjali fuq l-imgieba tal-minuri. Illi l-istess jinghad ghall-minuri EM, li ripetutament hi u kif ukoll huha, sfaw iddizappuntati minhabba n-nuqqas ta' koerenza tal-missier f'dak li jghidilhom u dak li effettivament jaghmel.

Fid-dawl tal-premess, u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet maghmula, din il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, offizi gravi da parti tal-intimat.

Fis-sentenza fl-ismijiet: **Jacqueline Balzan pro et noe vs Joseph Balzan**, deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta u ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-1 ta' Frar 2016, intqal illi:

> ***"M'hemmx dubju illi l-konvenut ghamel minn kollox sabiex ifarrak u jkisser iz-zwieg ta' bejn il-partijiet ghaliex bl-agir vjolenti u irresponsabbli tieghu irrendha l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet mhux biss insopportabbli izda wkoll perikoluza.***

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 51 tal-Kodici Civili:

> "***Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, iddispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu."***

Fil-fehma tal-Qorti, l-agir tal-intimat isarraf fi ksur serju tal-obbligi tieghu bhala persuna mizzewga ai termini tal-artikolu 2 tal-Kodici Civili u huma tali li jattiraw l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 ai termini tal-Artikolu 51 tal-Kodici Civili, u ghalhekk ser jigu applikati l-effetti imsemmija f'dana z-zewg artikoli hekk kif mitlub mir-rikorrenti.

***Komunjoni tal-Akkwisti:***

***Dar Matrimonjali:***

Illi mix-xhieda tal-attrici jirrizulta illi sakemm il-partijiet kienu qieghdin jghixu D, huma kienu qieghdin jikru appartamenti u li meta nizlu lura Malta huma dejjem ghexu ma' omm l-attrici. Ghaldaqstant il-partijiet ma ghandhom ebda proprjeta immobli mixtrija bejniethom fiz-zwieg.

***Vetturi:***

Illi mit-testimonjanza ta' Christopher Spiteri in rapprezentanza ta' Transport Malta li xehed nhar il-25 ta' April 2023 (vide fol 193 et seq), lanqas ma jirrizulta illi l-partijiet ghandhom xi vetturi.

***Kontijiet Bankarji:***

Illi mill-provi esebiti ma jidhirx illi l-partijiet kellhom xi kontijiet bankarji kongunti, u l-unika kont bankarju li nstab, kien wiehed f'isem l-attrici u ghalhekk din il-Qorti tordna illi dan il-kont ghandu jigi assenjat lill-istess attrici.

***Kura u Kustodja ta' ulied il-partijiet***

F'dan ir-rigward il-kura u kustodja ta' ulied il-partijiet, AM u EM, l-attrici qieghda titlob illi tigi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri.

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fil-kawza ***Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli***[2] intqal:

> ***Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin sew meta l-jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.***

[1] Enfazi tal-Qorti.
[2] Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi fil-kawża fl-ismijiet ***Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless***[3]**,** il-Qorti kienet qalet illi:

> ***La cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitara col marito, deve essere commessa ed affidata a colui frai u conjugi che si rinconoscera piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla lora eta' ed a tutte le circostanza del caso sotto quei provvedimenti che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli.***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[4] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[5]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[6] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

---

[3] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil- 8 ta'Dicembru 1858.
[4] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[5] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.

***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[7]

Fi kliem il-**Qorti tal-Appell** fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[8]

*"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahjar interess tal-minuri".***[9]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-**Qorti tal-Appell** (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-**Qorti tal-Appell** fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement

[7] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[8] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[9] Enfazi tal-Qorti.

osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[10] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

Wara li din il-Qorti qieset l-atteggjament tal-intimat tul iz-zwieg kemm versu martu u kif ukoll dak versu uliedu, u l-fatt li l-intimat ilu nieqes mill-pajjiz ghal zmien konsiderevoli, tqis illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri AM u EM li l-attrici omm tkun vestita bil-**kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri, b'dana illi l-istess minuri ghandhom ikollom ir-residenza primarja mal-attrici omm, u li d-domicilju u r-residenza abitwali tal-minuri ghandha tkun Malta.**

***Manteniment ghal ulied il-partijiet:***

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***

[10] Enfazi tal-Qorti.

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ **Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John** (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

***".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

Din il-Qorti rat illi fix-xhieda taghha l-attrici indikat l-ispejjes li hija tinkorri ghall-minuri, u li l-minuri AM minhabba ragunijiet sensittivi kellu jigi registrat fl-iskola privata fejn tahdem l-istess attrici. Xehdet illi ghalkemm hija tinghata prezz specjali stante li hija impjegata, il-mizati huwa ezorbitanti. Ziedet illi ghalkemm kien hemm xhur fejn l-intimat ghamel xi kontribut finanzjarju ghall-ispejjes tal-minuri, dan il-kontribut kien wiehed mill-aktar sporadiku. L-attrici rrilevat ukoll illi minn dak li qalilha l-intimat huwa qieghed jippercepixxi circa Eur 4000 fix-xahar mill-impjieg tieghu fl-Afrika ta' Isfel.

Illi din il-Qorti tqis illi fic-cirkostanzi l-intimat ghandu jigi ordnat ihallas s-somma ta' EUR 400 fix-xahar bhala manteniment ghal kull wild, liema somma tinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes t'sahha, spejjes ta' edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Illi di piu din il-Qorti tordna illi l-mizati skolastici tal-minuri AM ghandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet. Illi ukoll din il-Qorti tordna illi l-ispiza annwali fil-bidu ta' kull sena skolastika, u cioe l-ispejjes relatati ma stationary, uniformi, zrabel tal-iskola, kotba etc ghandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet. Illi l-manteniment, flimkien ma' dawna l-ammonti ghandhom jigi vversati direttament f'kont bankarju indikat mill-attrici. Illi dana l-manteniment ghandu jibqa jigi vversat sakemm l-istess minuri jaghlqu tlieta u ghoxrin (23) sena, fl-eventwalita' li l-istess jibqghu jistudjaw u ma jahdmux full-time. Illi din il-Qorti tordna illi kwalsiasi beneficcji socjali relatati mal-minuri ghandhom jigu percepiti mill-attrici.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi M ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat;**
2. **Tilqa' t-tieni talba u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix separatament minn ma' zewgha u tawtorizzaha taghmel l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizzazzjoni tal-konvenut;**
3. **Tilqa' t-tielet talba u u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-**

**partijiet u tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti bis-segwenti mod;**

i. **Illi fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, dawn ghandhom jigu restitwiti li dik il-parti li lilha jkunu jappartjenu, b'dana illi din il-Qorti tordna liz-zewg partijiet sabiex jikkonsenjaw lil l-parti l-ohra kwalunkwe oggetti mobbli jew immobbli parafernali u/jew dotali li jinsabu fil-pussess taghhom u dana fiz-zmien xahar minn din is-sentenza;**
ii. **Illi fir-rigward tal-kontijiet bankarji, din il-Qorti tassenja l-kontijiet bankjari intestati fuq isem l-attrici, unikament lill-attrici;**
iii. **Illi kwalsiasi obbligazzjonijiet maghmulha minn parti jew ohra ghandhom ikunu unikament a karigu ta' dik il-parti li tkun dahlet f'tali obbligazjoni.**

4. **Tilqa' ir-raba' talba u tapplika kontra l-intimat *in toto* l-effetti tal-Artikolu 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili u tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali hekk kif mahsub fl-istess artikoli;**

5. **Tilqa' l-hames talba u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri A u E ahwa M esklussivament f'idejn l-attrici omm li hija minn issa awtorizzata wahida tiehu kwalunkwe decizjoni ordinarja jew straordinarja li tirrigwarda l-minuri minghajr il-kunsens, presenza jew firma tal-intimat u dan fi kwalunkwe materja li tikkoncerna s-sahha, edukazzjoni, s-safar tat-tfal, inkluz l-applikazzjoni, hrug u konsenja tal-passasporti tat-tfal u t-tigdid taghhom;**

6. **Tilqa' s-sitt talba u tordna illi r-residenza primarja tal-minuri ahwa Masfield ghandha tkun mal-omm, b'dana illi d-domicilju u r-residenza abitwali taghhom ghandha tkun Malta;**

7. **Tilqa' s-seba talba u tordna illi l-intimat ghandu jivversa s-somma ta' EUR 400 fix-xahar bhala manteniment ghal kull wild, liema somma tinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes ta' sahha, u attivitajiet extra-kurrikulari. Illi di piu l-mizati skolastici tal-minuri AM ghandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet. Illi ukoll din il-Qorti tordna illi l-ispiza annwali fil-bidu ta' kull sena skolastika, u cioe l-ispejjes relatati ma stationary, uniformi, zrabel tal-iskola, kotba taz-**

**zewgt itfal, etc li ghandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet. Illi l-manteniment, flimkien ma' dawna l-ammonti ghandhom jigu vversati direttament f'kont bankarju indikat mill-attrici. Illi din il-Qorti tordna illi kwalsiasi beneficcji socjali relatati mal-minuri ghandhom jigu percepiti mill-attrici;**

8. **Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tal-intimat izda jithallas provizorjament mill-attrici.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**